MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 282/2010

**B.A.S. Ltd (C 444)**

**Vs**

**Sunderlands Online Ltd (C38141)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disghat elef, tminn mija u wiehed u hamsin Euro (€9,851) liema somma tirrapprezenta prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet tas-socjeta' konvenuta stess skond il-prospett anness mal-avviz u mmarkat Dokument 'A', liema ammont is-socjeta' konventua ma hallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex taghmel dan.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deherx fl-24 ta' Novembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €9,851 (disghat elef, tminn mija u wiehed u hamsin Euro) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Awissu 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------